# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-11 ta' Marzu 2019**

**Talba Numru 137/2018SFJ**

**William England (306574M) bħala amministratur**
**ta' *Madliena Village Owners Association – Phase I***

**vs.**

**Francis Brincat**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-10 ta' April 2018 li permezz tiegħu l-attur, fil-kapaċità tiegħu ta' amministratur ta' *Madliena Village Owners Association – Phase I*, talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' tlett elef Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€3,000.71) rappreżentanti ta' sehmu mill-kontribuzzjonijiet kondominjali relattivi li għalkemm debitament interpellat sabiex iħallas, baqa' inadempjenti, bl-imgħax legali relattivi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut.

Ra li l-attur ma ippreżenta ebda dokument mal-Avviż tat-Talba.

Ra li l-konvenut kien debitament innotifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ iżda baqa' ma ippreżenta ebda risposta u lanqas deher sabiex jikkontesta l-kawża.

Ra li l-attur nomine fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2018, ippreżenta kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut li permezz tiegħu ried jipprova bil-ġurament li huwa debitur tiegħu fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

Ikkunsidra li l-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Illi *siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

In vista ta' dan, għalhekk, l-attur, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2019, ġie mitlub jidher sabiex jiddikjara taħt ġurament li t-talba indikata fl-Avviż tat-Talba kif ukoll jikkonferma li s-somma għadha dovuta u dan anki fid-dawl tal-fatt li ma ġewx ippreżentati dokumenti mal-Avviż tat-Talba.

Ra li fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2019, deher l-attur sabiex jikkonferma taħt ġurament li s-somma għadha dovuta u sabiex jispjega r-raġuni għat-talba. Huwa ippreżenta wkoll kopja tal-fattura mibgħuta lill-konvenut immarkata bħala dokument "WE1".

Jidhirlu għalhekk li din it-talba tal-attur ġiet ampjament ippruvata.

## <u>Deċide</u>

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur nomine u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta' tlett elef Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€3,000.71) bl-ispejjeż kollha legali li għandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-ewwel interpellazzjoni ġudizzjarja lill-intimat.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**